# BEATI U QADDISIN...MEJJU

## SAN GWANN BATTISTA DE ROSSI
## 23 TA' MEJJU




Imwieled gewwa Voltaggio qrib Genova, minn familja rispettabbli Giovanni Battista fl-età ta' ghaxar snin gie fdat taht il-kura ta' nobbli Genoviz u martu ghall-edukazzjoni tieghu. Il-qraba tieghu membri tal-Ordni Kapuccin ippermettietlu jigi msejjah Ruma u, fl-età ta' tlettax-il sena, jidhol fil-Kullegg Ruman. Kien jistudja wisq u, il-penitenza qawwija li kien jaghmel, it-tnejn kellhom effett fuq sahhtu hekk li sofra kollass nervuz. Wara li fieq, gie ordnat sacerdot fl-1721.

Kien ihobb izur l-isptarijiet u ospizju San Galla, mwaqqaf mill-Papa Celestinu III, bhala kenn ghal bil-lejl ghal dawk li kienu jehtiegu l-ghajnuna, bhalma kienu l-foqra, haddiema tal-biedja u barranin fil-bzonn. Hawn huwa hadem ghal erbghin sena, jikkonsola u jghallem lill-pazjenti. Spiss kien izur ukoll l-isptar tat-Trinità Qaddisa tal-Pellegrini. Ghen ukoll lill-bejjiegha tal-bhejjem li kienu jbieghu annimali fis-suq tal-Forum Ruman.

Fil-knisja vicin, ta’ l-ospizju San Galla, Padre Giovanni Battista waqqaf l-Unjoni Pija tal-Qassisin Sekulari ta' San Galla. Hdejn dan l-ospizju, fetah iehor riservat ghan- nisa u tfajliet bla dar, taht il-protezzjoni ta' San Luigi.

Wara zmien ta’ konvalixxenza mill-mard, skopra l-karizma ghad-direzzjoni ta’ l-erwieh. Maghzul biex ikun kappillan tal-knisja Santa Maria in Cosmedin fis-sena 1731, hafna penitenti kienu jfittxuh ghall-qrar minhabba l-hlewwa tad-direzzjoni tieghu ta’ l-erwieh. Ghex f'faqar estrem. Il-Papa Benedittu XIV fdalu korsijiet ta' tahrig ghall-ufficjali tal-habs u ufficjali ohra tal-istat (inkluz l-ezekutur). Kiseb fama kbira bhala predikatur, specjalment fil-kunventi.
Mikdud mill-marda tal-paralisi, huwa miet fit-23 ta’ Mejju 1764

Gie beatifikat mill-Papa Piju IX, li darba kien president tal-Unjoni Pija tal-Qassisin Sekulari ta' San Galla. Giovanni Battista de' Rossi gie kanonizzat fit-8 ta' Dicembru 1881 mill-Papa Ljun XIII u huwa midfun fil-knisja tas-Santissima Trinità dei Pellegrini f'Ruma.

.